# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 4

L-Erbgħa 18 ta' Settembru, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**4.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-03.

**4.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 3 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**4.3.01** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mill-Ministeru għal Għawdex dwar talba għal-lampa ġdida. Wara li l-Kunsill ra t-talba u *site plan* ta' fejn qiegħed tintalab il-bozza, raw li din hija l-istess bozza li ġiet mitluba fil-passat. Din it-talba ġiet irrifjutata għaliex il-post huwa privat u hemm ukoll sidien oħra li qed joġġezzjonaw għal din l-istess bozza.

**4.3.02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Wasteserv* dwar servizz ta' ġbir ta' materjal li s-soltu jittieħed is-*Civic Amenity Site*. Dan il-materjal jinkludi ; ġablo, bozoz tad-dawl u affarijiet oħra. Il-*Wasteserv* ser jibda joffri servizz ta' ġbir ta' dan l-iskart kull tlett ġimgħat (nhar ta' Erbgħa) fl-Għasri. Il-*Wasteserv* ipropona li jitpoġġa t-trakk tagħhom fil-pjazza bejn id-9:30am u 1.30pm. Il-Kunsilliera qablu li dan is-servizz isir fl-Għasri u fil-post kif indikaw il-*Wasteserv*.

**4.3.03** Ċirkulari AKL 2019/102 *Online Permitting System and Right of Way Mandate*. Il-Kunsill ġie mitlub biex jiffirma mandat biex jibda l-proċess tan-negozju mal-kuntrattur magħżul. Dan il-mandat ma jobligax lill-Kunsill biex ikun parti mill-kuntratt finali. Il-Kunsilliera qablu li dan il-mandat jiġi ffirmat mill-Kunsill tal-Għasri.

**4.3.04** Tilqima tal-Influenza 2019. Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-*Immunization Programme Manager* biex għal darb' oħra jieħu sehem fil-programm tat-tilqim kontra l-influenza. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'dan il-programm u għandu jinforma lir-residenti dwarha.

**4.3.05** *Pink October*. Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żjara mid-delegati tal-*Marigold Foundation* ser issir nhar il-Ħamis, 10 ta' Ottubru bejn is-7:00 u 9:30 ta' filgħaxija.

**4.03.06** Applikazzjoni PA/05567/19. Fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill qabel li jitlob għal aktar dettalji dwar l-applikazzjoni msemmija. Wara li l-Kunsilliera raw d-dokumenti qablu li għandu isir oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp. Il-Kunsill irċieva l-irċevuta ta' din l-oġġezzjoni.

**4.3.07** *E-mail* mingħand Joe Mallia (*Correct Termination Ltd*) dwar amendi fil-*Live Streaming Portal*. Dan sabiex l-istream tal-laqgħat ikunu aċċessibli fuq il-PC kif ukoll fuq *Smart phones*. Din tiswa €125 + vat. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

**4.3.08** Cirkulari AKL 2019/095 – Inizjattivi *Wasteserv*. Il-Kunsill ser jieħu sehem fil-*European Week for Waste Reduction* (EWWR) permess ta' ġbir ta' ħwejjeġ użati li jiġu riċiklati. Il-Ġimgħa tal-EWWR hija bejn is-16 u 24 ta' Novembru 2019. Il-ġbir ta' ħwejjeġ ser isir nhar is-Sibt, 16 ta' Novembru fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**4.3.09** Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – Linji Gwida -Kunsilli Lokali; dwar ismijiet ta' toroq ġodda.

**4.3.10** Il-Kunsill ġie nformat minn Ambjent Malta li ser jibdew jitqasmu s-siġar li konna applikajna għalihom. Dawn is-siġar ser jitħawlu fil-konok vojta li hemm fi Triq il-Ġdida. Il-Kunsill talab għal siġar li jitwalu u mhux arbuxelli.

**4.3.11** Ċirkulari 17/2019 Komunitajiet.

**4.3.12** Direttiva 3/2019 - *Contracts Managers*. Kull kunsill huwa obbligat li jaħtar *Contract Manager*.

**4.3.13** Is-Sindku ssuġġerixxa li matul il-ġimgħa tal-Festa tal-Madonna tal-Patroċinju, il-kant ta' waqt il-quddies tat-Tridu isir mit-Tenur Angelo Muscat. Dan għad irid jiġi diskuss mal-Kappillan. Jekk dan iseħħ il-Kunsill ser jallokka l-ammont ta'€100 għal dan il-għan.

**4.3.14** Il-Kunsill iddeċieda li l-attivitajiet tal-Milied isiru nhar is-Sibt, 21 ta' Diċembru fis-sala tal-MUSEUM jekk is-superjur jaċċetta.

**4.3.15** Is-Segretarja Eżekuttiva għamlet talba sabiex jigu ttrasferiti 100 siegħa ta' leave tal--vaganzi mis-sena 2019 għas-sena 2020. Din it-talba ġiet approvata mill-Kunsill.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**4.4.01** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsilliera li hu attenda ghal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex organizzata minn *LGBTI+ Gozo* nhar is-Sibt, 7 ta' Settembru. Din kienet laqgħa ta' informazzjoni. Is-Sur Felice Pace flimkien mall-Kunsillieraċ Elizabeth Mintoff attendew ukoll sessjoni ta' taħriġ nhar is-Sibt, 14 ta' Settembru. Huma qalu li din kienet laqgħa tajba u ta' ħafna informazzjoni u taħriġ.

**4.4.02** Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff ġibdet l-attenzjoni dwar il-kors ta' ħjata li kien isir fil-passat. Dan kien ġie diskuss f'laqgħa preċedenti fejn kien ġie deċiż li dan il-kors ma kienx ser isir. Dan għaliex ma kienx qed isir kors iżda alterazzjoni tal-ħwejjeġ ta' xi individwi. Is-Sinjura Mintoff staqsiet jekk jistax isir almenu darba fix-xahar. Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li hi lesta li torganizza kors tal-ħjata (fejn l-istudenti jitgħalmu l-ħjata). Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsilliera li hemm diversi korsijiet tal-ħjata li qed isiru mill-Ministeru għal Għawdex bla ħlas għall-anzjani. Il-Kunsill ma jistax jorganizza korsijiet tal-*life long learning* peress li m'għandux aċċessabilita' għal persuni b'diżabilita' fil-bini tiegħu.

az **4.4.03** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill li ser ssir laqgħa għar-residenti kollha speċjalment għar-residenti barranin fejn ser isir tagħrif dwar il-Bażilika tal-Patroċinju mill-Kunsillier Salvatore Felice Pace stess. Din ser ssir bl-Ingliż nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru fis-7:15 ta' filgħaxija fil-knisja tal-Patrocinju. Wara ser ikun hemm riceviment imħallas mill-Kunsill Lokali.

## 4.5 *Contracts Manager* mal-Kunsill.

**4.5.01** Il-Kunsill huwa obligat skond Direttiva 3/2019 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikollu *Contracts Manager*. Dan ikun responsabbli mill-kuntratti kollha tal-Kunsill (barra dawk li huma ta' natura kapitali). Għal dan il-għan is-Segretarji Eżekuttivi qed jistennew risposta mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex dwar hux ser ikun hemm sejħa waħda bħal dik tad-*Data Protection Officer*.

## 4.6 Attivitajiet:

**4.6.01** **Traditions: Wine, Olive Oil & Honey.** L-attivita' ta' *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey* ser tkun nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 2019. Il-preparamenti huma lesti.

**4.6.02** **Jum l-Għasri.** Dan l-avveniment ser isir nhar is-Sibt, 5 ta' Ottubru 2019 peress li s-Sindku mhux ser ikun disponibbli s-Sibt, 28 ta' Settembru. Ser issir quddiesa, wara l-quddiessa jingħata Premju Ġieħ l-Għasri u riċeviment.

**4.6.03** **Premju Ġieħ l–Għasri.** Kien hemm żewġ persuni nominati għal Premju Ġieħ l-Għasri. Wieħed minn nominati huwa kunsillier fil-leġislatura preżenti u għalhekk il-Kunsill ma qabilx ma' din in-nomina. It-tieni nomina kienet għaż-żagħżugħa Maria Farrugia, tfajla li tilgħab il-*football* ma' team internazzjonali u għamlet unur lir-raħal tal-Għasri. Il-Kunsilliera qablu man-nominazzjoni ta' Maria Farrugia. Is-Sindku ser jagħmel kuntatt ma' Maria Farrugia biex jara jekk taċċettax din in-nomina.

**4.6.04** **Anzjani.** Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff li hi nkarigata mill-anzjani wriet ix-xewqa li jibdew isiru xi tip ta' laqgħat għall-anzjani. Hi spejgat kif qed isiru dawn il-laqgħat f'lokalitajiet oħra. Wara li ġie spjegat, il-Kunsilliera qablu li dawn it-tip ta' attivitajiet iridu jsiru bl-għajnuna tal-Parroċċa u l-Kumitat tal-Festa.

## 4.7 Impjegat mall-Kunsill.

**47.01** Il-Kunsill qed jistenna r-risposta mingħand il-*Jobs Plus.*

## 4.8 Proġett ta' Area ta' Rikreazzjoni.

**4.8.01** Il-Kunsill Lokali vs. Awtorita' tal-Artijiet. Il-Kunsill issottometta r-risposta tiegħu għall-appell li għamlet l-Awtorita' tal-Artijiet.

## 4.9 Manutenzjoni tal-Latrina pubblika u bini tal-Kunsill.

**49.01** Fil-laqgħa preċedenti il-Kunsill iddiskuta (ara paragrafu 3.3) sabiex mill-fondi tal-*LESA* jitħawlu s-siġar taż-Żebbuġ fi Triq il-Fanal fuq il-bankina. Iżda wara li s-Segretarja għamlet kuntatt mal-*GO plc* irriżulta li taħt il-bankina hemm għaddejjin il-*cables/wires* tal-*GO* u għalhekk dawn ma jistgħux isiru. Is-Segretarja rat il-linji gwidi għall-Fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali. Fost il-proposti eliġibbli hemm imniżżel latrini. Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li l-latrina pubblika għandha bżonn manutenzjoni minn barra kif ukoll minn ġewwa għaliex jidher li dieħel l-ilma. Għalhekk il-Kunsilliera qablu li japplikaw għal fondi mill-iskema tal-*LESA*.

**49.02** Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsilliera li hemm bżonn manutenzjoni wkoll fil-bini tal-Kunsill.

## 4.9 Kunsiderazzjoni u pprovazzjoni ta' l-iskeda ta' Pagamenti.

**4.9.01** Quddiem il-Kunsill tresqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-04 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 4.10 Mozzjonijiet.

**4.10.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 4.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**4.11.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Ottubru fis-7:00 p.m. Qabel il-laqgħa tal-Kunsill ser tissejjah laqgħa pubblikka kif inhu stipulat fil-liġi l-ġdida tal-Kunsilli Lokali.

Konfermati, l-Erbgħa 18 ta' Settembru 2019

| | |
|---|---|
| **FIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |